**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**-Vs-**

**MARIO CAMPOLO**
**(ID: 17382A)**
**u**
**SANDRO MIFSUD**
**(ID : 199673M)**

**Illum, 5 ta' Awwissu 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputati **MARIO CAMPOLO** ta' 48 sena, iben Gaetano u Rosaria xebba Luca, imwieled l-Italja nhar 11/08/1973 u resident 322, Casa Rita, Triq Ħaż-Żabbar, Fgura, detentur tal-karta ta' identita' 17382A , u **SANDRO MIFSUD** ta' 48 sena, iben Michael u Maria xebba Azzopardi, imwieled Malta nhar l-13/04/1973 u residenti 14, Tyger Crt, Fl 1B, Triq San Franġisk, Floriana, detentur tal-karta ta' identita' numru 199673M. tressqu quddiemha akkuzati:-

Talli 30 ta’ Lulju ta’ 2021 u fil granet ta qabel diversi hinijiet gewwa dawn il Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b’ risoluzzjoni wahda:

1. Ikkommettew serq gewwa il Miracle Foods LTD ghal ammont ta’ 160 liema ammont ma jeccedix il-valur ta’ 232.37 euros ; u

Talli fil- 31 ta’ Lulju ta’ 2021 u fil granet ta’ qabel diversi hinijiet gewwa dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal- ligi u li kienu maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1. Ikkommettew serq gewwa il Miracle Foods LTD gewwa Zabbar ghal ammont ta’ 240 liema serq huwa aggravat bil-valur u cioe` li jeccedi 232.37 euros; u

Talli fit-02 ta’ Awwissu ta’ 2021 u fil granet ta qabel diversi hinijiet gewwa dawn-il Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal- ligi u li kienu maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1. U iktar talli fix-xahar ta’ Awwissu ikkommettew serq ta’ diversi oggetti u prodotti min gewwa Miracle Foods LTD sitwat gewwa Gzira, ghad dettriment ta’ diversi persuni, wrew dan bi hsieb b’atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, fejn atli delitt ma’ giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tal- imputati;
2. U iktar talli fix-xahar ta’ Awwissu ikkommettew serq ta’ diversi oggetti u prodotti min gewwa Miracle Foods LTD sitwat gewwa Marsascala, ghad dettriment ta’ diversi persuni, wrew dan bi hsieb b’atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt, fejn atli delitt ma’ giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tal- imputati.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi fl-4 ta' Awwissu 2021, l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma l-akkużi bil-ġurament;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet lill-imputat wkoll waqt l-eżami iwieġbu li huma ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontrihom;

Wissiet lill-imputati bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni taghhom, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsabu mixlijin bihom u tathom zmien biex jahsbu sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jergghu jikkonsultaw mad-difensur tieghu;

Semghet lill-imputati wara ftit tal-ħin jikkonfermaw l-ammissjoni tal-ħtija taghhom anke wara illi ngħataw zmien biex jirrikonsidraw din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerġghu jikkonsultaw mad-difensur taghhom, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatilhom il-pieni erogabbli għall-akkużi li jinsabu mixlijin bihom;

Rat l-atti kollha tal-proċeduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat illi l-kawza kienet differita ghal-lum biex tinghata s-sentenza.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputati, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur taghhom u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-

imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputati ghandhom jinsabu ħatja tar-reati li gew mixlijin bihom.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Minn daqqa t'ghajn lejn il-fedina penali taghhom, jirrizulta li z-zewg imputati huma veterani tal-kriminalita` u senjatament l-imputat Sandro Mifsud, ghandu storja twila ta' kundanni ghal serq u pussess tad-droga tant illi wiehed jista' jghid li qatta' l-isbah perijodu tal-hajja adulta tieghu jiskonta kwantita` konsiderevoli ta' pieni karcerarji. Minkejja dan il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni naqset milli tixli lill-imputati bl-addebitu tar-recidiva u ghaldaqstant ma tistax, u m'hijiex sejra, tapplika d-dispozizzjonijiet relattivi tal-ligi izda tista' certament tiehu qies tal-passat delinkwenti tal-imputati fil-kalibrazzjoni tal-piena li ghandha tigi erogata ghar-reati li fuq ammissjoni taghhom stess, qeghdin jinstabu hatja taghhom illum. Il-Qorti tosserva wkoll illi ghalkemm fil-passat mhux daqshekk remot, l-imputati inghataw entrambi l-beneficcju ta' sanzjonijiet fil-komunita` bl-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, evidentement dawn is-sanzjonijiet ma hallew l-ebda frott u l-imputati ma gharfux juzufruwixxu mill-opportunita` biex jirriformaw ruhhom. Il-Qorti m'hijiex lesta tahli r-rizorsi fuq min mhux lest li jghin lilu nnifsu.

Huwa wkoll ovvju illi z-zewg imputati jabbuzaw mid-droga eroina u l-vizzju taghhom huwa wiehed akut li jidher li ilu jahkimhom ghal diversi snin tant illi evidentement, huma spiccaw minghajr flus lanqas biex jixtru x'jieklu. Kemm hu hekk, huma spiccaw jisirqu l-ikel biex isostnu lilhom infushom. Ghalkemm dan huwa fattur pjetuz, il-Qorti tqis li hi x'inhi r-raguni ghaliex gie kommess dan ir-reat, is-serq ma huwa qatt gustifikabbli u r-raguni moghtija mid-difiza zgur li ma tistax isservi bhala xi attenwanti specjalment meta effettivament huwa bil-wisq evidenti li l-imputat wasslu f'din l-estremita` minhabba l-vizzju tad-droga.

Fl-istess waqt izda, hadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammissjoni bikrija tal-imputati kif ukoll il-fatt illi t-tnejn li huma jidhru li huma disposti – u effettivament esprimew ix-xewqa taghhom – li jeghlbu dan il-vizzju u jibdlu hajjithom ghall-ahjar.

Il-Qorti taqbel li l-imputati jehtiegu ghajnuna sistematika u fit-tul biex jeghlbu dan il-vizzju izda fl-istess waqt ma tistax tinjora l-fatt illi fic-cirkostanzi taghhom, il-piena xierqa u misthoqqa ma tista' tkun xejn ghajr piena karcerarja effettiva flimkien ma' ordni ta' trattament ghaz-zmien kollu li taghti l-ligi biex jinghataw l-opportunita` li jindirizzaw bis-serjeta` dan il-vizzju devastanti.

In konkluzjoni, il-Qorti qieset ukoll illi t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet li jaddebitaw lill-imputati d-delitt tentattiv ta' serq, ma jikkwalifikawx ir-reat ta' serq bhala serq aggravat u ghalhekk sejra tikkunsidrahom bhala imputazzjonijiet ta' tentattiv tad-delitt ta' serq semplici a tenur tal-Artikolu 41(1)(a) u l-Artikoli 284 u 295 tal-Kap. 9.

**Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 41, 261(c), 267, 279(a), 284 u 285, qieghda ssib lil MARIO CAMPOLO u lil SANDRO MIFSUD hatja fuq ammissjoni taghhom stess tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrihom u tikkundannahom tmien (8) xhur prigunerija effettiva.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati MARIO CAMPOLO u fil-konfront ukoll tal-hati SANDRO MIFSUD sabiex jinghataw trattament biex jeghlbu l-vizzju tal-abbuz mid-droga u dan ghal perijodu ta' tliet (3) snin, taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil MARIO CAMPOLO u lil SANDRO MIFSUD in solidum bejniethom biex ihallsu lil Miracle Foods Limited is-somma komplessiva ta' erba' mitt Euro (€400) u dan fi zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu**

**eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**